MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru 697/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom AB ta’ sena, bin il-mejjet A u B imwielda C imwieled Pieta’ fil- , li joqghod Nru. u detentur tal-karta tal-identita bin-numru (M).

Billi gie akkuzat talli fil-Mosta u fi bnadi ohra, f’dawn il-Gzejjer, fl-1998 u fi snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

(a) b’eghmil zieni ikkorrompa li bintu minuri D;
(b) minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess bintu minuri D, kontra l-volonta’ taghha sabiex bhala mara igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu datata 24 ta’ Mejju, 2004 u nnutat li l-imputat AB m’ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta’ D li fis-Seduta tad-19 ta’ Settembru, 2003, bil-video conferencing, inter alia, qalet:

“Qorti: Inti taf li ser tixhed bil-video conferencing ghax inti stess tixtieq taghmel hekk u ser tixhed f’din il-kawza fejn l-imputat hu missierek u ghalhekk il-Qorti qed tghidlek, inti tixtieq li tixhed f’din il-kawza?

Xhud: Iva

Qorti: Kemm ghandek zmien?

Xhud: 16

Qorti: U tmur skola inti?

Xhud: Le

Qorti: Inti ghidt lill-pulizija dwar x’setgha gara jew incidenti li setghu graw fejn kien involut missierek?

Xhud: Iva

Qorti: Spjegali

Xhud: Kont abbuzata minnu

Qorti: Dinilha li grat?

Xhud: Kelli ben 6 u 7 snin.

Qorti: U x'gara?

Xhud: Konna jien u l-mummy u l-papa u E ohti fil-kamra tas-sodda u imbghad il-pa bghat lil E u lill-mummy jaghmlu t-te u jien zammni hdejh upoggieni taht il-friex u kont liebsa qalziet bhal lakstu u jaghlni nbusu u l-nbuslu l-parti tieghu, imiss il-parti tieghu mal-parti tieghi." "…………………."

"Qorti: Imbaghad kien hemm xi okkazjonijiet ohra?

Xhud: Iva konna nkunu fuq is-sodda, kien idawwar saqajh mieghi u kien iross il-parti tieghu mal-patata.

Qorti: Kont tkun wahdek inti?

Xhud: Iva

Qorti: U dawn f'dik l-istess eta sa xi tmien snin

Xhud: Iva sa tmien snin ghax imbaghad daqshekk."

"……………………………………"

"Qorti: Inti dak inhar li ghidtli li l-papa bghat lil ohtok u lil ommok biex jaghmlu t-te inti xi hwejjeg kont liebsa?

Xhud: Kont liebsa qalziet bla lakstu

Qorti: shorts?

Xhud: qalziet u t-shirt

Qorti: F'dak il-hin baqjt bl-istess hwejjeg jew le?

Xhud: Le imbaghad nizzilli l-qalziet

Qorti: U gejt allura imbghad mill-parti ta' qaddek l-isfel bla hwejjeg?

Xhud: Iva

Qorti: U l-papa tieghek kif kien liebes?

Xhud: Bil-panty

Xhud: Ma nafx ma niftakarx

Qorti: Il-parti privataq tal-papa rajtha inti?

Xhud: Iva"

"………………………………………"

Qorti: Allura kont tkellimt ma l-Ispettur Sammut fuq li gara. Ara biex nipprecizaw, inti dan l-abbuz beda meta?

Xhud: Meta kelli xi 6 jew 7 snin"

Qorti: U spicca?

Xhud: Meta kelli xi 8 snin hekk"

"………………………………"

"U f'dan il-perjodu kien hemm hafna minnhom dawn l-okkazzjonijiet?

Xhud: Li kien imiss il-parti tieghu mal-patata tieghi iva

Qorti: Kien hemm hafna?

Xhud: Kien hemm ftit, mhux hafna imma meta kien isib l-okkazzjoni

Qorti: Inti stajt twaqqfu?

Xhud: Kont nibza nwaqqfu.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, bil-video conferencing, inter alia, qalet:

“……………………………………..”

“Qorti: Qed tigi mistoqsija mill-avukat tad-difiza, inti qed tghid li l-ewwel darba li sehhu dawn l-abbuzi kienu meta kellek bejn 6 u 7 snin. Ghaliex hallejt xi 6 snin wara jghaddu biex inti titkellem dwar dan?

Xhud: Ghax ma kontx naf li hu hazin li ghamel

Qorti: Meta sirt taf li hu hazin?

Xhud: Meta bdejt nitghallem l-iskola.

Qorti: Qallek xi hadd li hu hazin? Min qallek?

Xhud: Il-guidance teacher.

Qorti: Inti allura ghidt lill-guidance teacher x’kien gara?
Xhud: Iva.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta bil-video conferencing, inter alia, qalet:

“Qorti: Ri-ezami. Waq tli kienu qed isiru dawn l-atti li ghidtli li saru qed tghid l-atti mal-papa, inti stajt titlaq minn fejn kont qeghda

Xhud: Iva stajt u ma stajtx ghax kien izommni b’saqajh kien idawwar saqajh mieghi.

Qorti: U fejn kienu jsiru dawn?

Xhud: Fil-kamra tas-sodda

Qorti: Liema kamra tas-sodda?

Xhud: Tal-mummy u l-papa."

"………………………………"

"Qorti: Inti l-ewwel persuna li kien abbuza minnek min kien?

Xhud: Il-papa

In ri-kontro ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, bil-video conferencing, inter alia, qalet:

"………………………………."

"Qorti: Il-papa meta ghidtli li kien idwawar siequ mieghek u jzommok b'saqajh dan kien iweggak?

Xhud: Le mhux hafna." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni li tat D fis-Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008, prodotta mid-difiza, fejn qalet:

"Nixtieq nghid illi jiena nigi bint l-imputat u nghid ukoll illi jiena personalment urejt ix-xewqa ma' l-avukat difensur ta' missieri sabiex jiena nkun nista' nigi prodotta mid-difiza ghaliex nixtieq nixhed is-segwenti.

Illum jiena ghandi ghoxrin (20) sena. Nixtieq nghid li jiena qieghda nahfer lil missieri dwar l-akkadut. Kieku kien jiddependi minni nixtieq illi l-proceduri fil-konfront ta' missieri jieqfu. Jiena qieghda nghid hekk ghaliex, nghid jiena wasalt ghal din id-dikjarazzjoni li qieghda naghmel illum, nghid ghaliex missieri issa gabar lill-familja kollha d-dar. Ommna mietet u issa qieghdin nghixu hajja sew id-dar migbura ma' missieri. Missieri qieghed jiehu hsibna sew u nghid illi s-sitwazzjoni llum hija sitwazzjoni felici d-dar taghna u ghalhekk jien inhoss illi kelli naghmel din id-dikjarazzjoni li ghamilt illum.

Jiena illum ghandi xoghol u huti migburin id-dar maghna flimkien ma' missieri u nixtieq nghid ukoll, missieri oltre li qieghed jaqdi l-funzjoni ta' missier bid-doveri kollha li iggib maghha, qieghed ukoll maghna jaqdi l-funzjoni ta' ommna, li ommna mietet. Nghid fil-familja ukoll ghandna tarbija ta' ohti l-kbira li ukoll qeghdin niehdu hsiebha ahna fil-familja.

Missieri nghid qieghed jiehu hsieb taghna ilkoll. Nghid jiena ghandi xoghol u nahdem. Nghid pero' huti l-ohra ma jahdmux. Fost huti hemm (2) huti izghar minni. Wahda ghadha tmur l-iskola u ohti l-ohra li izghar minni hija pregnant." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami, l-istess xhud, fl-istess Seduta, qalet:

"Nghid jiena dak li kont xhedt f'din il-kawza qabel huwa minnu, pero' dak l-incident kien sehh darba biss. Dan voldiri l-incident li jiena xhedt dwaru precedement f'din il-kawza kien sehh f'okkazzjoni wahda biss." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni fejn l-imputat AB fis-Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007, minn jeddu, inter alia qal:

"Jien nahlef li lill-binti D qatt m'abbuzajt minnha sesswalment, u fil-fatt inzid nghid illi jien lill-ebda wahda minn uliedi l-bniet jien ma abbuzajt minnhom fis-sens illi jien m'abbuzajt mill-ebda wahda minn uliedi l-bniet u jien lill-uliedi la qatt abbuzajt minnhom fizikament fis-sens bis-swat u lanqas sesswalment. Anzi nzid nghid illi uliedi d-dar kienu jhobbu joqoghdu nofshom imnezzghin u jien kont nghidilhom biex jgibuli rispett." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni li tat M fis-Seduta tal-4 ta' Dicembru, 2007, fejn, inter alia, qalet:

"Nghid li jiena nigi bint l-imputat. U stante li jiena qed nigi prodotta mid-Difiza jiena naghzel illi nixhed. Jiena llum ghandi 22 sena. Jiena prezentement qeghda residenti d-

dar il-Mosta ma missieri l-imputat. Nghid jiena f'hajti dejjem ghext mal-papa hlief ghal sena wahda fejn kont ghext mal-partner tieghi pero' imbaghad ergajt irritornajt lura fir-residenza tal-papa. Nghid il-mama tieghi mietet. Nghid fit-13 ta' April tas-sena d-diehla ommi taghlaq tliet snin mejta. Nghid illi jiena fil-perjodu li ghext fid-dar qabel ma kont mort ghal sena nghix mal-partner tieghi is-sitwazzjoni fid-dar taghna kienet sitwazzjoni tajba. Missieri dejjem ha hsibna u dana kif missier ghandu jiehu hsieb il-familja." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni li tat Jessica Pace fis-Seduta tal-24 ta' Gunju, 2008, fejn inter alia, qalet:

"Jiena social worker ma l-Agenzija Appogg. In kwantu fl-ambitu tal-karriera tieghi bhala social worker, jiena lill-imputat prezenti fl-Awla, AB, nafu jiena lill-imputat dawn l-ahhar sentejn (2)." "………………..” "Nghid jiena kemm ilni naf lill-imputat, ulied l-imputat qatt ma qaluli li missirhom agixxa b'imgieba mhux f'postha jew b'xi mod abbuza minnhom sesswalment kemm ilni nafhom." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni li tat Catriona Spiteri fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010, fejn inter alia, qalet:

"Jiena haddiema socjali fit-Taqsima tal-Harsien tat-tfal gewwa l-Appogg. Nghid illi jiena kelli nkarigu f'Awwissu tas-sena 2009 li bdejt inkarigu biex nissorvelja lil J li hija wahda mill-ulied tal-imputat u anzi nixtieq naghmel precisazzjoni li jiena nsegwi lil I li hija n-neputija tal-imputat u li hija bint J. Nixtieq nghid illi kemm dina I kif ukoll ommha J jghixu fir-residenza flimkien mal-imputat AB li qed naghrfu prezenti fl-Awla u naf illi AB l-imputat qieghed jiehu hsieb dina l-familja tieghu b'mod tajjeb u nghid ukoll illi minn mindu kif gie spjegat lili kienet mietet mart l-imputat, l-imputat kien assuma rwol illi qisu ta' missier u ta' omm biex jghin lil familja tieghu. Nghid oltre J hemm ukoll tliet ulied ohra tal-imputat li jghixu ukoll mieghu u cioe' D, C u M li kien maghhom jghixu ukoll

ulied dawna l-ulied tal-imputat. Nghid illi hemm cirkostanzi fejn l-ahwa bejniethom jargumentaw u nghid illi l-missier qieghed jagixxi ta' agent pacifikatur bejn uliedu biex jipprova jzomm il-familji flimkien" (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni li tat Ruth Navarro fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010, fejn qalet:

"Jiena Social Worker mal-Agenzija Appogg. Nghid jiena lil imputat prezenti fl-Awla AB nafu. Nixtieq nghid illi jiena qeghda, ghandi l-mansjoni li nsegwi li J li jigi n-neputi ta' l-imputat tal-imputat u li huwa minuri u huwa iben M. Nghid illi dana inizjalment kien qieghed fil-Creche pero' mbaghad dana llum qieghed, irritorna biex jghix mal-genituri tieghu. Pero' nghid illi dana il-minuri flimkien ma' ommu M jghixu mal-imputat missier it-tifel pero' mhux qieghed jghix fir-residenza tal-imputat. nghid illi minn informazzjoni li ghandi kemm ili nsegwi l-kaz l-imputat kien accetta li M u binha jergghu jirritornaw lura fir-residenza tieghu. Naf ukoll illi l-imputat assista lil bintu biex jipprovdi xi ikel u affarijiet halli din tkun tista' tmantni lil binha J. Nghid illi jiena gieli mmur naghmel visti fir-residenza tal-imputat biex inkun nista' nara li dan il-minuri kif ikun qieghed u anke gieli ghamilt ukoll school visits biex nara dan il-minuri jkun ghaddej. Nghid illi t-tifel illum ghandu sitt snin u gieli jsemmi lil nannuh l-imputat.

Nixtieq nghid ili t-tifel kien urieni pozittiv bhala attakament lejn nannuh pero' ricentement kien semmieli l-frazi li kien qalli li n-nannu kien kattiv mieghu ghax qal kien ghalqu f'xi karma u qal li kien tah xi daqqa. Dan il-minuri lili kien qaluli perjodu li huwa anqas minn sitt xhur ilu. Nixtieq nghid illi pero' jien imbaghad kellimt lit-tifel u ma kienx hemm investigazzjonijiet ulterjuri ghaliex ma kienx il-kaz peress li ahna hadniha li kienet kwistjoni ta' dixxiplina. Nghid illi dan it-tifel ukoll jorqod mal-imputat u qatt ma esprima xi affarijiet ohra kattivi fil-konfront ta' nannuh. Nghid illi jiena mill-informazzjoni li ghandi l-imputat kien wiehed mill-persuni mportanti biex it-tifel jinhareg mill-Creche u fil-fatt kien isegwi lit-tifel fil-Creche meta t-tifel kien taht Care order." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni li tat Chantelle Darmanin fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010, fejn qalet:

"Jiena nahdem bhala Social Worker mal-Agenzija Appogg. Jiena gejja mis-servizz generiku. Jien insegwi lil imputat AB u mat-tfal tieghu C u D. Nghid id-dinamika ta' dina l-familja hija ftit kumplikata in kwantu ghar-relazzjonijiet jezistu ftit konflitti. In kwantu ghal imputat dana mil-lat finanzjarju jipprova jghin lil familja. Nghid l-imputat ukoll in kwantu ghal azzjoni tieghu fil-konfront tal-membri tal-familja tieghu huwa jipprova jghaqqad il-familji. Ghalkemm jiena mhux darba biss illi gieli ghidtlu lil imputat biex huwa ghandu jkun iktar assertiv ma' uliedu u l-familji taghhom. Nghid illi fil-fatt nghid illi ulied l-imputat ghandhom ukoll tfal taghhom u huma tfal minuri u li dawn allura kollha jghixu fl-istess ambitu ta' familja u ukoll fid-dar hemm ukoll it-tfal tal-imputat u cioe' C li hija ukoll minuri. Nghid illi l-irwol tal-omm li f'dan il-kaz huwa mankanti ghaliex l-omm hija mejta ir-rwol tal-omm hafna drabi tiehu t-tifla tal-imputat D. Peress illi dawna l-ulied tal-imputat huma bniet li intern ghandhom l-ulied huma pero' dawna m'hemmx l-irgiel taghhom jghixu fl-istess dar, ir-rwol tal-missier vis a vis it-tfal tal-minuri genaralment qed jaghmlu l-imputat." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti il-versjoni li tat D fis-Seduta ta' Settembru, 2003 kif korretta mill-istess D fil-kontro-ezami li sar fis-Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008 hi aktar kredibbli mic-cahda totali li ghamel l-imputat AB fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat AB jirrizultaw sodisfacentement ippruvati b'dan pero' minghajr dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawn il-Qorti tirrileva li in kontro-ezami ta' D li sar fis-Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008, l-istess D qalet:

"Nghid jiena dak li kont xhedt f'din il-kawza qabel huwa minnu, pero' dak l-incident kien sehh darba biss. Dan voldieri l-incident li jiena xhedt dwaru precedentement f'din il-kawza kien sehh f'okkazzjoni wahda biss." (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward il-piena il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz jissussistu ragunijiet specjali u straordinarji li jwasslu lil din il-Qorti sabiex f'dan il-kaz tapplika l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta' D li fis-Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008, inter alia, qalet:

"Illum jiena ghandi ghoxrin (20) sena. Nixtieq nghid li jiena qieghda nahfer lil missieri dwar l-akkadut. Kieku kien jiddependi minni nixtieq illi l-proceduri fil-konfront ta' missieri jieqfu. Jiena qieghda nghid hekk ghaliex, nghid jiena wasalt ghal din id-dikjarazzjoni li qieghda naghmel illum, nghid ghaliex missieri issa gabar lill-familja kollha d-dar. Ommna mietet u issa qieghdin nghixu hajja sew id-dar migbura ma' missieri. Missieri qieghed jiehu hsibna sew u nghid illi s-sitwazzjoni llum hija sitwazzjoni felici d-dar taghna u ghalhekk jien inhoss illi kelli naghmel din id-dikjarazzjoni li ghamilt illum.

"……………………, missieri oltre li qieghed jaqdi l-funzjoni ta' missier bid-doveri kollha li ggib maghha, qieghed ukoll maghna jaqdi l-funzjoni ta' ommna li ommna mietet." (Sottolinjar tal-Qorti).

Taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta' Catriona Spiteri (haddiema socjali fit-Taqsima tal-Harsien tat-tfal geww l-Appogg) li fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010 fejn din ix-xhud, inter alia, qalet:

"……………..u naf illi AB l-imputat qieghed jiehu hsieb dina l-familja tieghu b'mod tajjeb u nghid ukoll illi minn mindu kif gie spjegat lili kienet mietet mart l-imputat, l-imputat kien assuma rwol illi qisu ta' missier u ta' omm biex jghin lil familja tieghu." "……………." "Nghid illi

hemm cirkostanzi fejn l-ahwa bejniethom jargumentaw u <u>nghid illi l-missier qieghed jagixxi ta' agent pacifikatur bejn uliedu biex jipprova jzomm il-familji flimkien."</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Chantelle Darmanin (Social Worker mal-Agenzija Appogg) li fis-Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010, inter alia, qalet:
<u>"In kwantu ghal imputat dana mil-lat finanzjarju jipprova jghin lil familja. Nghid l-imputat ukoll inkwantu ghal azzjoni tieghu fil-konfront tal-membri tal-familja tieghu huwa jipprova jghaqqad il-familji."</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

Mis-suespost jemergi li l-vittma D hafret lill-imputat missierha dwar l-akkadut u wriet ix-xewqa li kieku kien jiddependi minnha xtaqet illi l-proceduri fil-konfront ta' missierha jieqfu, jemergi ukoll li l-imputat gabar lill-familja kollha d-dar u assuma rwol ta' missier u dak ta' omm fil-konfront ta' uliedu, jghinhom finanzjarjament u jagixxi ta' agent pacifikatur bejn uliedu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi tali ragunijiet huma tali li jwasslu sabiex din il-Qorti tapplika l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 17, 21 203, 86 u 87 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-dawl tas-suespost issib lill-imputat AB hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu b'dan pero' minghajr dak previst fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat u bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet specjali u straordinarji elenkati aktar qabel f'din is-Sentenza u wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat AB ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin (4) millum l-imputat AB jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat AB l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------